

Brussell, 11 ta' Marzu 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0062(NLE)

7333/19
ADD 1

PECHE 108
FAO 5

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 112 final - ANNEXES 1 to 2
Suġġett:	ANNEXI tal- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran u li tħassar id-Deċiżjoni 9389/1/14 REV 1

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 112 final - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: COM(2019) 112 final - ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2019
COM(2019) 112 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tal-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni
Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran u li tħassar id-Deċiżjoni 9389/1/14 REV 1**

ANNEX I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM)

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-GFCM, l-Unjoni għandha:

- a) taġixxi f'konformità mal-oġġettivi u l-prinċipji tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tkun promossa l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex jiġu evitati jew jitnaqqsu kemm jista' jkun qabdiet mhux mixtieqa, u jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat, u biex jiġi minimizzat l-impatt tal-attivitàjiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv tal-Unjoni, biex ikun provdut livell tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu minn attivitàjiet relatati mas-sajd u jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi;
- b) taħdem lejn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' preparazzjoni għall-miżuri tal-GFCM u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan l-GFCM jikkonformaw mal-Ftehim tal-GFCM;
- c) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-GFCM huma konsistenti mad-dritt internazzjonali, u partikolarment mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982, mal-Ftehim tan-NU relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transzjonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-1995 u mal-Ftehim li jippromwovi l-konformità mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni mill-bastimenti tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-1993 u l-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agricoltura tal-Istat tal-Port tal-2009;
- d) timmira l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u tal-impenji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Ministerjali MedFish4Ever iffirmata f'Malta fit-30 ta' Marzu 2017 u fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Sofija iffirmata fis-7 ta' Ġunju 2018, li huma maħsuba b'mod partikolari biex itejbu l-ġbir tad-*data* u l-evalwazzjoni xjentifika, li jstabbilixxu qafas ta' ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema, jiżviluppaw kultura ta' konformità u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, jappoġġaw is-sajd u l-akkwakultura fuq skala żgħira u sostenibbli u jiżguraw aktar solidarjetà u koordinazzjoni fil-Mediterran;
- e) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) fl-istess żona;
- f) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- g) tiżgura li l-impenji internazzjonali tal-Unjoni jiġu rispettati;
- h) tikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd¹;

¹ 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.

- i) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan il-Ftehim tal-GFCM abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;
- j) tikkonforma mal-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*², kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni kongunta³ u tippromwovi miżuri biex jappoġġjaw u jtejbu l-effettività tal-GFCM u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza u l-prestazzjoni tagħha (b'mod partikolari fir-rigward tax-xjenza, il-konformità, it-trasparenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet) bħala kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha tagħha;
- k) tippromwovi, fejn xieraq, il-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar (RSCs) u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli skont il-mandati tagħhom;
- l) tippromwovi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost l-RFMOs mhux tat-tonn simili għall-hekk imsejjaħ proċess Kobe għall-RFMOs tat-tonn.

2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġa l-adozzjoni mill-GFCM tal-azzjonijiet li ġejjin:

- a) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, inklużi l-qabdiet totali permissibbli (TACs) u l-kwoti jew ir-regolazzjoni tal-isforz għal riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li huma rregolati mill-GFCM, li se jiksbu r-rata tal-isfruttar tar-rendiment sostenibbli massimu fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd żejjed biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli;
- b) miżuri biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU) fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM, inkluż l-elenkar tal-bastimenti IUU;
- c) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan il-GFCM;
- d) miżuri biex jimminimizzaw l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura fuq il-bijodiversità tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, inklużi miżuri biex inaqqsu t-tniġġis tal-baħar u jipprevjenu r-rimi ta' plastik fil-baħar u jnaqqsu l-impatt tal-plastik preżenti fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, miżuri protettivi għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM f'konformità mal-Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Fond fl-Ibħra Internazzjonali tal-FAO, u miżuri biex jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa, inkluż b'mod partikolari speċijiet tal-baħar vulnerabbli, u biex jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat;

² JOIN(2016) 49, 10.11.2016.

³ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

- e) miżuri biex inaqqsu l-impatt ta' rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew inkella skartat (ALDFG) fl-oċean u biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tagħmir bħal dan;
- f) azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli f'konformità mad-dritt tal-Unjoni rilevanti;
- g) approċċi komuni ma' RFMOs oħra, fejn xieraq, b'mod partikolari ma' dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess żona;
- h) miżuri tekniċi addizzjonali abbażi tal-parir mill-korpi u mill-gruppi ta' ħidma tal-GFCM;
- i) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sal-limitu permess skont id-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
- j) miżuri f'konformità mal-impenji tad-Dikjarazzjoni Ministerjali MedFish4Ever u tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Sofija.

ANNEX II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed

fil-laqgħat tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran

Qabel kull laqgħa tal-GFCM, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni oħra rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, jew lill-korpi preparatorji tiegħu, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-GFCM, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk waqt laqgħa tal-GFCM, inkluż dik fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tkun referuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.